MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Talba Numru. 384/2012

**Michael Attard Limited**

**(C 32362)**

**Vs**

**Mary Claire Portelli u Anthony Portelli
ID 322572M u ID 458660M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2012 fejn attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ elfejn seba’ mija u sitt ewro u erbgha centezmi (€2,706.04) rapprezentanti import ta’ wiehed u ghoxrin (21) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mid-debitur.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-22 ta' Marzu, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2013 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u sitt ewro u erbgha centezmi (€2,706.04) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------